MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 208/2012

A B f'isimha u ghan-nom u fl-interess tal-minuri DB u M B u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2014 A B giet nominata kuratur ad litem tal-minuri DB

vs

C B

u Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-atturi, li *in forza* tieghu, wara li ppremettew :

1. Illi l-attrici kienet mizzewga lill-konvenut C B; illi l-esponenti ilha de facto separata minn ma zewgha sa minn Jannar 2002;
2. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-attur l-iehor, M B, twieldet tarbija, il-minuri DB, li twieled fit-2 ta’ Lulju 2012;
3. Illi ghalkemm il-minuri msemmi huwa l-wild naturali tal-attur M B fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija tarbija gie rregistrat il-konvenut C bhala l-missier naturali;
4. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-emendi necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri DB, li ghandu numru ta’ iskrizzjoni 3056/2012;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri DB mhux il-wild naturali tal-konvenut;
2. Tiddikjara illi l-minuri DB huwa fil-fatt il-wild naturali tal-attur M B;
3. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-minuri imsemmi li huwa iskritt bin-numrui 3056/2012 fil-kolonna fejn hemm indikat “missier it-tarbija” u li fil-present jindika “C B” jigu inseriti l-konnotati tal-attur rikorrenti, u cioe’ isem u kunjom l-attur rikorrenti, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta’, post tat-twelid u residenza tal-attur rikorrenti kif ukoll isem u kunjom il-missier l-attur rikorrenti, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f’kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri DB

skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Karl Anthony, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri DB, kellha relazzjoni intima ma' M B u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lil M B bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri DB, u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri Dma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta' skrizzjoni 3059 tas-sena 2012;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess M B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieled il-minuri Karl Anthony, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieled l-imsemmi minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieled it-tifel Karl Anthony. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita Karl Anthony;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3059 tas-sena 2012;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Jannar 2002;
2. Illi minn dakinhar sa llum l-esponent qatt ma kellu kuntatt fiziku ma A B u wisq anqas relazzjoni sesswali maghha;
3. Illi hu ilu s-snin jaf li l-attrici kellha relazzjoni ma M B liema relazzjoni kienet tahti ghas-separazzjoni taghhom;
4. Illi peress li ilu ma jkollu kuntatt ma l-istess attrici sa mill-2002, il-minuri msemmi ma jistax ikun tieghu u jaqbel li ma jibqax jidher bhala l-missier naturali ta' l-istess minuri;
5. Illi peress li hu ma jahti xejn f'din il-kwistjoni m'ghandux ibati spejjez u dawn ghandhom jithallsu kollha mill-attrici;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C B;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri DB *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar it-2 ta' Lulju 2012[1], twieled fiz-zwieg, *stante* li hi u zewgha l-intimat C B huma biss separati *de facto* u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie mnizzel bhala l-wild naturali tal-istess intimat imsemmi, l-istess minuri m'huwiex l-iben naturali ta' zewgha izda l-wild naturali tar-rikorrent l-iehor M B. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li C B mhux il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti b'dawn tar-rikorrent M B.

Min-naha tieghu, l-intimat C B jaqbel li m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri.

**<u>Il-Verzjoni tar-Rikorrenti</u>**

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 3 tal-process

Permezz tal-affidavit taghha[2], r-rikorrenti tghid li hi u l-intimat kienu mizzewgin b'dan li l-kawza ta' separazzjoni taghhom ghadha pendenti. Tiddikjara li ilha separata mill-istess zewgha sa' mis-sena 2004 u minn dakinhar qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u ghalhekk m'hemm ebda possibilita' li l-istess minuri huwa ibnu. Izzid tghid li l-missier naturali huwa M B (ir-rikorrent l-iehor) u li l-unika raguni ghala l-minuri huwa mnizzel bhala iben l-intimat huwa biss minhabba l-fatt li s-separazzjoni taghha m'hijiex konkluza.

Min-naha tieghu r-rikorrent M B[3] jikkonferma dak li tghid ir-rikorrenti l-ohra.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhomx jippruvaw sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat C B u konsegwentement jippruvaw li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkustanzi komminati f'Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet ippruvata.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[4], jirrizulta bl-aktar mod car li r-rikorrent M B huwa l-missier naturali tal-minuri u konsegwentement l-intimat ma jistax ikun il-missier tal-istess minuri. Ghalhekk jidher car li r-rikorrenti rnexxielhom jipprovaw bl-aktar mod assolut li l-minuri Dmhux il-wild naturali tal-intimat, *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, filwaqt li r-rikorrent gie indikat bhala l-missier naturali tal-istess minuri, l-intimat gie (bhala konsegwenza) eskluz li huwa l-missier naturali. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li tali fatt huwa pacifiku bejn il-

[2] Esebit a fol 31 tal-process
[3] Ara a fol 30 tal-process
[4] Esebit a fol 26 tal-process

partijiet. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhujiex il-wild naturali tal-intimat.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li tirrilata dwar in-nuqqas da parti tal-attrici li tigi mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-attrici ressqet rikors datat il-11 ta’ April 2014 fejn specifikament talbet lil din il-Qorti li tigi mahtura bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri, liema talba giet milqugha permezz ta’ digriet datat il-5 ta’ Mejju 2014. Dan necessarjament ifisser li l-ewwel eccezzjoni hija naturalment survolata;

Dwar il-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li tirrilata dwar id-dettalji li huma necessarji f’kaz li jigi stabbilit li r-rikorrent M B huwa l-missier naturali tal-minuri, l-Qorti taghmel referenza ghan-nota esebita in atti u datata l-14 ta’ Frar 2013[5] u konsegwentement anke din l-eccezzjoni hija survolata.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe’ jekk l-atturi rnexxilhomx jaghtu prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, irnexxilhomx jissorpassaw u jeghlbu l-presunzjonijiet legali msemmija minnhom stess. Ghal dak li jirrigwarda l-presunzjonijiet legali, l-Qorti terga’ taghmel referenza ghall-aqwa prova li fil-fatt giet esebita in atti, u cioe’ d-DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f’dawn it-tip ta’ kawzi. Il-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti li juri bhala stat ta’ fatt li l-intimat mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Du ghaldaqstant tqis li r-rikorrenti rnexxielhom jeghlbu l-presunzjonijiet legali kollha u wriew bic-car li l-intimat li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kien ghadu zewgha, mhux il-missier naturali tal-minuri.

[5] Esebita a fol 40 tal-process

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri DB m'huwiex il-wild naturali tal-intimat C B;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-minuri DB huwa l-wild naturali tar-rikorrenti M B;
(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri bin-numru ------ tal-minuri DB, b'dan illi l-konnotati kollha tal-intimat C B jigu kancellati u minflok jigu sostituti bid-dettalji tar-rikorrent M B bil-karta tal-identita' ----------M li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kellu 32 sena, iben SB, mwieled Pieta' u residenti l-Mqabba.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------